Maħruġ mill-
Kummissjoni
Kapitulari

1986



SANT' ELENA, IMPERATRIĊI AWGUSTA

# PROGRAMM TAL-FESTA TA'
# SANT' ELENA
## FIL-BAŻILIKA KOLLEĠĠJATA
## BIRKIRKARA

# MESSAĠĠ TAL-ARĊIPRIET

*Il-Festa! Tiġi kull sena donnu għandha seher ġdid. Tiġbor il-parroċċa flimkien f'atmosfera ta' ferħ u briju, f'qima lejn il-patruna tagħna Sant'Elena. Hi l-festa mhux biss tal-qaddisa patruna tagħna, imma tagħna lkoll li nħossuna magħqudin u kburin bil-patruna tagħna.*

*Sa hawn kollox tajjeb u j'alla nħossu verament f'dawn il-jiem tal-festa l-għaqda bejnietna. Imma din il-għaqda nridu nħossuha fil-vera devozzjoni lejn S. Elena. Tkun tagħna devozzjoni ġenwina u vera jekk minn forsi kien ftit laxk iraħħan lsienu għall-imħabba ta' S. Elena u jagħti eżempju tajjeb. Tkun veru devot tal-qaddisa patruna jekk min tiġiha tentazzjoni li tkun diżonesta fi lbiesha, għall-imħabba ta' S. Elena tilbes ta' nisranija li hi, u tagħti xhieda b'hekk tal-fidi tagħha. Ikun veru devot ta' S. Elena min hu miġġieled ma' xi ħadd u għall-imħabba tal-qaddisa patruna tal-parroċċa jaħtaf l-okkazzjoni tal-festa biex jagħmel paċi ma' dik il-persuna u dik il-familja. Juri sinjal veru ta' devozzjoni lejn S. Elena min forsi hu xi ftit imbiegħed mis-sagramenti jew biered u għall-festa jagħmel qrara tajba u jibda jersaq lejn il-Knisja kif żgur tixtiequ jagħmel S. Elena.*

*Hemm il-festa tkun tilħaq l-iskop tagħha jekk tnissel fina lkoll xewqa u ħeġġa għal dak li hu tajjeb u sewwa. Għalhekk, l-importanza tal-attivitajiet spiritwali fil-festa u l-ħtieġa li nieħdu sehem fihom biex nitħeġġu fil-vera devozzjoni lejn S. Elena.*

*Għalhekk, il-messaġġ li din is-sena ser nippruvaw inwasslu għall-festa għandu jfisser ħafna, jekk nifhmuh u ngħidu: 'il-Festa ta' S. Elena - ġrajja li tagħaqqadna ma' Alla u bejnietna.*

*Il-Festa t-Tajba.*

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SANT'ELENA 1986

**Tnejn 11 ta' Awissu. Jun il-Paċi**
6.30 p.m. Quddiesa għal paċi bis-sehem tal-Għaqdiet kollha ta' B'Kara (reliġjużi - filarmoniċi - politiċi) kulħadd joffri xama waqt l-Offertorju li wara jinxtelgħu matul is-sena kollha.

**Tlieta, 12 ta' Awissu.**
6.30 p.m. Quddiesa konċelebrata bis-sehem tal-kleru kollu Karkariż u Reliġjużi.

**Erbgħa, 13 ta' Awissu.**
6.30 p.m. Quddiesa għar-ruħ dawk kollha li mietu matul is-sena bis-sehem tal-familjari tagħhom. Vjatku tal-morda.

**Sibt, 16 ta' Awissu.**
6.30 p.m. Quddiesa għall-ħaddiema kollha tal-Knisja, dilettanti tan-nar, ħajjata, xebbiet u nisa li jeħdu ħsieb l-indafa tal-Knisja.
7.30 p.m. Lejla Karkariża - Logħob, mużika, ħafna kwalità ta' ikell u divertiment għal kulħadd.

**Tnejn, 18 ta' Awissu.**
7.00 p.m. Quddiesa konċelebrata bil-mużika bis-sehem tas-Saċerdoti tad-Dar tal-Kleru mmexxija mis-Superjur Mons. Paolo Attard - issir offerta ta' oġġetti meħtieġa għas-Saċerdoti rikoverati hemm.
8.00 p.m. Ħruġ tal-Istatwa ta' Sant'Elena sal-bieb prinċipali fejn il-Banda Sant'Elena issellmilha bid-daqq ta' l-Innu tagħha. Wara jitkompla il-Marċ.

**Tlieta, 19 ta' Awissu.**
5.00 p.m. Quddiesa għat-Tfal kollha Subien u Bniet.
6.30 p.m. Presentazzjoni tat-Trabi quddiem l-Istatwa ta' Sant'Elena.
7.00 p.m. Quddiesa bil-mużika mmexxija mir-Rev. P.P. Agius S.J. Rettur tal-Kulleġġ S. Lwiġi.
7.30 p.m. Il-Banda S. Ġużepp tal-Ħamrun tagħmel marċ mill-Fleur-de-Lys, Misida Str., Main Str., St. Helen Square.

**Erbgħa, 20 ta' Awissu. I Tridu.**
6.30 p.m. Għasar u Quddiesa konċelebrata bil-mużika mmexxija mill-W. Rev. Kan. E. Grech. Jippriedka Mons. I. Sciberras Psaila. Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
7.30 p.m. Il-Banda S. Nikola tas-Siġġiewi tagħmel Marċ minn S. Julian Str., St. Roque Str., Misida Str., Main Str., għall St. Helen Square.

**Ħamis, 21 ta' Awissu. II Tridu.**
6.30 p.m. Għasar u Quddiesa konċelebrata mmexxija mir-Rev. Kan. Vinc. Buhagiar. Celeb. Ewkaristika.
7.30 p.m. Il-Banda La Vittoria tal-Mellieħa tagħmel Marċ minn Main Str., Ħassajjed, John Borg, Brared, St. Helen Square.

**Ġimgħa, 22 ta' Awissu. Jum il-Morda.**
4.30 p.m. Trasport tal-Morda u Quddiesa quddiem l-Istatwa ta' S. Elena u Benedizzjoni Sagramentali.
6.30 p.m. Għasar u Quddiesa konċelebrata mmexxija mir-Rev. Kan. Giuseppe Camilleri Lic. D u Celeb. Ewk.
7.30 p.m. Duke of Connaught Own Band tagħmel Marċ mat-toroq prinċipali ta' B'Kara.

**Sibt, 23 ta' Awissu. Lejliet il-Festa.**
7.45 a.m. Kant tal-Martiroloġju.
8.00 a.m. Quddiesa Kantata tat- TE DEUM.
9.00 a.m. St. Helena Own Band tagħmel Marċ mat-toroq prinċipali ta' B'Kara.
4.00 - 5.00 - 6.00 p.m. Quddies lett.
7.00 p.m. Translazzjoni Solenni tar-Relikwia u I Vespri Prepositali. Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
8.00 p.m. St. Helena Own Band tagħmel Marċ minn Main Street għal St. Helen Square fejn iddoqq programm u Innu ta' Sant'Elena.
10.00 p.m. Ħruq ta' Murtali tal-kulur mill-kump. tas-St. Helen Fire Works. Wara logħob tan-nar tal-Aħwa Briffa.

**Ħadd, 24 ta' Awissu. JUM IL-FESTA.**
4.30 - 5.30 - 6.30 a.m. quddies lett.
7.30 a.m. Lawdi Prepositali.
8.00 a.m. Proċessjoni Solenni bl-Istatwa ta' Sant'Elena akkompanjata minn marċi reliġjużi tal-Banda Duke of Connaught. Immedjatament wara Quddiesa Prepostiali mill-Illmu u Rev.mu Mons I. Sciberras Psaila J.U.D. S.M.O.M.Prot. Prel. Dom.Prot. Apost. u Bibl. Onor. tal-Lateran. Paniġirku mill-W. Rev. Kan. J. Bonello, Prepostu tar-Rev.mu Kapitlu ta' Bormla.
6.00 p.m. Quddiesa letta.
7.00 p.m. II Vespri - wara ir-Rev.mu Kapitlu Elenjan jakkompanja lill-E.T. Rev.ma Mons. Giuseppi Mercieca mid-Domus Curialis sal-Bażilika. Reposizzjoni u Celebr. Ewkar.
7.00 p.m. Beland Band taż-Żejtun u l-Banda Ċittadina La Vallette jgħamlu marċ flimkien minn Valley Road għal St. Helen Square fejn La Valette iddoqq programm mużikali.
10.00 p.m. Ħruq ta' Murtali tal-kulur u kaxxa nfernali. Wara logħob tan-nar mid-Dilettanti Balzanin, miġbur minn Paolo Micallef.

*N.B. Il-Mużika kollha tkun immexxija mill-Maestro di cappella Fr. Albert Borg O.E.S.A.*

*Is-St. Helena Fire Works jisparaw mutrali-murtaletti u battirji waqt il-funzjonijiet kollha tal-Festa, kif ukoll il-murtali kollha tal-kulur u kaxxi nfernali*